# 67. Il-Wied tal-Isperanza

Xita bil-qliel ilha jumejn ma tehda;
ir-raba' mgħargħar mal-ħitan iliegħeb;
l-imwieżeb bla mistrieħ, u l-osqfa kollha
iqattru l-ilma.

Għal xejn ta' xejn tistkenn taħt siġra kbira,
għax minn kull fergħa u minn kull werqa jqattru
taqtiriet kbar; it-toroq logħba waħda
ta' raxx u boqoq.

Il-Wied ta' l-Isperenza mfawwar bl-ilma,
ilma li ġej mir-Rabat u l-Imtarrfa,
mit-trejqa ta' l-Imġarr u l-moxa wati
madwar ta' Qali;

U f'nofs il-knisja ġewwa l-wied imkenna
il-lampier mitfi; illum ebda raħħala
ma tħalli x-xkora tal-ħaxix u tersaq
titlob bil-ħerqa.

'Mma fuq is-siġġu fuq l-artal weħidha
il-Madonna bis-sabar tbierek l-ilma
li jfawwar ġewwa l-wied għaddej fi tiqtu,
għal ġewwa r-raba';

U l-ilma mbierek fir-rebbiegħa jkabbar
fil-wileġ u l-watat ta' taħt il-Mosta
firxiet ħodor bis-sbul u oħrajn li jaqbdu
bin-nar tas-silla.